Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 199/2016

Il-Pulizja

Spettur Jonathan Ransley

Vs

Juanita Grech

Illum 27 ta' Ottubru, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanta Juanita Grech detentrici tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 549865 M, akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F' Ta' Xbiex u / jew f' xi bnadi ohra f' dawn il-Gzejjer, nhar it-22 ta' Jannar, 2014 ghall-habta tal-21.30hrs u ghall-habta ta'23.41hrs:

i. F' post pubbliku jew f' post espost ghall-pubbliku tlajjat jew ghamlet biex thajjar ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet immorali u dan bi ksur tal-artiklu 7 (2) tal-Kapitlu 63 tal-Ligijiet ta' Malta;
ii. Wettqet reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija waqt il-perjodu operattiv t' ordni ta' probation ghal tmintax il-xahar (18) b' sentenza moghtija lila mill-Magistrat Dr. E. Grima LL.D., b' sentenza datata l-24 ta' Settembru, 2013;
iii. Rrendiet ruhha recidiva b' diversi sentenzi moghtija lilha mill-Qrati Kriminali u li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

iv. Naqset milli tobdi ordnijiet legittimi ta' l-awtorita' jew ta' wiehed inkarigat minn servizz pubbliku.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-11 t' April, 2016, fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 7 (2) TAL-Kap 63 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 17, 31, 49, 50 u 338 (ee) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet kollha u tikkundannaha ghal sitt xhur prigunerija.

In oltre, a tenur tal-Artikolu 23 (1) (a) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' malta, billi l-imputata instabet hatja tat-tieni imputazzjoni, u cioe li wettqet reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija waqt il-perjodu operattiv ta' ordni ta' probation tal-24 ta' Settembru, 2013 maghmul mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, qed tittrata maghha ghall-imputazzjonijiet li dwarhom hija kienet tpoggiet taht tali ordni daqs li kieku ghadha kemm giet dikjarata hatja minn jew quddiem din il-Qorti ghal dawk l-imputazzjonijiet, wara li rat it-taqsimiet 4 u 6 u l-artikoli 22 (1) (a), 22 (2) (b) (ii) tal-Kapitolu 101 ta' l-Ligijiet ta' Malta, u r-Regolament 9 ta' l-Legislazzjoni Sussidjarja Nru. 101. 02 tikkundanna lill-imputata ghal prigunerija ghal perjodu ulterjuri ta' seba' xhur.

Rat ir-rikors tal-appell tal-imputata Juanita Grech, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-20 ta' April, 2016, fejn talbet lil din l-Onorabbli Qorti, joghgobha tirrevoka s-sentenza hawn fuq indikata tal-hdax (11) t' April, 2016 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) billi tilliberha minnhom, u fin-nuqqas ta' dan taghti sentenza aktar ekwa u gusta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanta esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanta Juanita Grech huwa car u manifest u dan jinsab fil-fatt illi l-Ewwel Qorti ma ghamlitx, bir-rispett kollhu, apprezzament tajjeb tal-fatti kif jirrizultaw mill-provi prodotti. Mill-provi prodotti li kienu affidavits ma jidhirx li kien hemm l-elementi ta' reat ta' prostituzzjoni, stante li ma hemm l-ebda prova li kienet qedgha tavvicina jew kienet avvicinat irgiel jew terzi persuni fejn kienet qedgha toffri xi servizz ta' prostituzzjoni. Kienet sempliciment fl-akkwati ta' zona maghrufa ghal prostituzzjoni, izda mhux kull mara li timxi hemm allura tkun qedgha hemm ghall dak l-iskop;

Illi jidher car li l-Ewwel Qorti strahet biss fuq elementi cirkostanzjali u dan b' mod partikolari fuq il-fatt li l-appellanta intlemhet fl-akkwati imsemmija ghall-tliet darbiet u anke ghall-fatt li hija kienet liebsa qalziet, flokk u cardigan;

Illi ghalkemm l-ufficjali tal-Pulizija setghu kellhom suspett dwar l-agir tal-appellanti, madankollu ma hemm l-ebda prova konkreta li l-appellanti kienet qed titlajja. Fil-fatt, fl-appell inferjuri datat 30/5/1994 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Vella kien gie deciz li:-

> *"Biex tirnexxi prosekuzzjoni taht l-Artikolu 7(2) tal-Kap. 63 irid jigi ppruvat, fil-grad rikjest mill-ligi ghal procedimenti penali, li l-persuna akkuzata tkun, fi triq jew f'post pubbliku jew espost ghall-pubbliku, tlajjat ("loitered") jew ghamlet biex thajjar ("solicited") ghal skop ta' prostituzzjoni jew skopijiet immorali ohra. Tali prova tista' ssir permezz, u tista' tirrizulta minn, diversi cirkustanzi, mehuda wahedhom jew flimkien, bhal, per ezempju, diskors li jintqal, pozi li jittiehdu, ilbies li jintlibes, kemm persuna ddum f'post partikolari u lil min tavvicina, u hafna cirkustanzi ohra."*

Illi huwa fatt inkotestat illi l-appellanti fl-ebda hin ma giet osservata thajjar lil xi persuna ghal skopijiet ta' prostituzzjoni. Fil-fatt, fl-ebda moment ma intlemhet tieqaf tkellem lil xi persuna ohra. L-uniku fatt metrjali li wassal sabiex inhargu l-akkuzi fil-konfront taghha, ai termini tal-artikolu 7 (2) tal-Kap. 63 kien il-fatt illi hija giet osservata ghal tliet darbiet fl-akkwati in kwistjoni;

Illi fuq dan il-punt, l-appellanta kienet tat l-ispjegazzjoni taghha fis-sens li hija kienet qed tirritorna minn hanut tax-xaghar taghha stess li hu sitwat fil-vicinanzi fejn twaqqfet u li aktar tard kienet intlemhet fil-vicinanzi tal-A1 Bar, fejn hawnhekk spjegat illi kienet qedgha tistenna lil habib taghha;

In kwantu ghal mod kif kienet liebsa l-appellanti, ma jidhirx illi gie allegat li din kienet liebsa oxen jew b' xi mod provokattiv. Jinghad biss li kienet liebsa qalziet, flokk u cardigan, illi allura wiehed jista' jghid minghajr diffikulta lid an huwa tip ta' lbies komuni hafna u ma ghandu bl-ebda mod jixhet piz ghall-finijiet ta' intenzjoni kriminuza da parti tal-appellanti. L-ebda fattur iehor ma gie osservat dwar l-abbiljament taghha  bhal perezempju kienetx liebsa skullat jew jekk kienetx qed taghmel xi mossi provokattivi jew suggestive bl-iskop li thajjar lil xi persuna jieqaf hdejha, fost ohrajn.

Fil-fatt, fis-sentenza li qedgha tigi appellate, l-Ewwel Qorti rrimarkat li 'ma jirrizultax li saru xi investigazzjonijiet ulterjuri dwar il-kaz u wisq inqas ma saret xi sorveljanza partikolari fuq l-imputata'. Kompliet tghid illi 'Ufficjali tal-Pulizija huma mistennija li jikkonstataw jekk fuq persuntha l-imputata kellhiex oggetti relatati ma' attivitajiet sesswali, inter alia kontracettivi, kif kienet liebsa, l-komportament taghha u wara kollox dak li lilhom wassalhom sabiex jinbet is-suspett li l-imputata kienet qed titlajja jew thajjar ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet immorali'.

Fis-sentenza tal-aqorti tal-appell kriminali datat 16 ta' marzu, 2016 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Juanita Grech, kien gie deciz illi:-

*'Ghalkemm seta' nibet is-suspett fl-ufficjali tal-pulizija dwar l-intenzjoni kriminuza ta'l-appellanti f'dik il-lejla, madanakollu din kienet biss assunzjoni da parti taghhom minghajr provi ohra li jistghu iwasslu sabiex tigi stabbiliti l-intenzjoni kriminuza li twassal ghal sejbien ta' htija'.*

Fl-istess sentenza Il-Pulizija vs Juanita Grech, il-Qorti kienet kompliet tghid illi 'il-fatt materjali wahdu illi hija giet osservata fl-istess post… fil-hin ta' bil-lejl, minghajr ebda prova ohra li tista tindika l-intenzjoni tal-appellanti ma hijeix sufficjenti sabiex tirnexxi l-akkuza'.

Illi bla pregudizzju ghas-suespost, il-piena ta' prigunerija effettiva mhiex ekwa u gusta meta tqis li hemm kazijiet ta' prostitute noti li ma jinghatawx prigunerija, izda piena alternattiva.

Ikkunsidrat,

L-appellanti tressaq il-kritika taghha fil-konfront tad-decizjoni impunjata billi tilmenta illi sar apprezzament zbaljat tal-provi li kien hemm fl-atti u dan ghaliex l-Ewwel Qorti qatt ma setghet tasal ghal sejbien ta' htija lil hinn minn kull dubbju abbazi tal-provi li kien hemm fl-atti billi mill-provi li ressqet il-prosekuzzjoni ma gewx sodisfatti l-elementi tar-reat tal-prostituzzjoni kif ikkontemplat fid-disposizzjoni 7(2) tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta. Tilmenta illi l-provi cirkostanjzali li strahet fuqhom l-Ewwel Qorti ma kenux bizzejjed b'sahhithom sabiex tinstab ir-reita'.

Illi min ezami akkurat taz-zewg *affidavits* ta' WPC186 Dorianne Tabone, u WPC 60 Bianco jemergu is-segwenti fatti:

1. Illi l-appellanti giet osservata fi Triq Guzeppi Cali il-Gzira ghal habta tad-disgha u nofs ta' fil-ghaxija titlajja fuq il-bankina.
2. Illi fil-fehma ta' dawn l-ufficjali tal-pulizija din il-persuna kienet qed titlajja peress illi kienet maghrufa drabi ohra li tkun qed titlajja u thajjar ghal skop ta' prostituzzjoni fl-istess akwati.
3. Avvicinata minn dawn l-ufficjali u mitluba biex titlaq mill-post, l-appellanti accettat u telqghet.
4. Madwar siegha wara l-istess ufficjali tal-pulizija regghu raw lill-appellanti gewwa Triq ix-Xatt miexja lejn Triq il-Gnien il-Gzira fejn l-appellanti kif lemhiethom daret u bdiet miexja lejn l-A1 Bar. Regghet giet ordnata biex titlaq ghalkemm tghid lill-pulizija li kienet qed tistenna habiba taghha.

5. L-appellanti terga' tigi osservata ghal habta ta' nofs il-lejl neqsin kwart titlajja fuq ic-*central strip* quddiem l-A1 Bar fil-Gzira fejn tigi infurmata li ser jinharrgu l-akkuzi fil-konfront taghha. Tghid lill-pulizija li kienet gejja mill-hanut taghha fejn kien hemm ohtha. Izda l-Pulizija ighidu illi f'dak il-hin dan il-hanut gie osservat li kien maghluq. Wara dan tbiddel il-verzjoni taghha u wara li tibda tissupplikhom biex ma iressquhiex il-qorti tghid illi kienet tinsab fuq ic-central strip ghax kienet marret il-hanut taghha biex iggib imqass!
6. L-appellanti kienet liebsa qalziet iswed, top skur u cardigan tas-suf cream.

Illi l-appellanti f'dan il-kaz taghzel li tiddeponi u tichad illi giet avvicinat minn xi persuni ghal skopijiet ta' prostituzzjoni jew li hi kienet tinsab f'dak il-post fejn giet intercettata mill-pulizija ghal dan l-iskop. Esposti dawn il-fattispecje imressqa quddiem l-Ewwel Qorti, li kellha okkazzjoni tosserva il-komportament ta'l-appellanti fuq il-pedana tax-xhieda jidher illi dak li wassal lill-Ewwel Qorti sabiex issib htija fl-appellanti ghar-reati lilha addebitati kienu mhux daqstant ic-cirkostanzi li fihom l-appellanti giet intercettata mill-pulzija izda fuq kollox il-komportament tal-appellanti fuq il-pedana tax-xhieda fejn jidher illi hija ma irnexxiliex tikkonvinci lill-Ewwel Qorti fuq bazi ta' probabbilita illi dak mistqarr minnha ghandu mis-sewwa. Fuq kollox il-fatt illi l-appellanti giet imwaqqfa mhux inqas minn tlett drabiet f'dawn l-akwati maghrufa ghal prostituzzjoni fl-ahhar okkazzjoni tinsab titlajja f'nofs ta' triq fuq *central strip* jirrendi l-verzjoni taghha dwar dak li sehh ghal kollox inverosimili. Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tqies illi abbazi tal-gurisprudenza iccitata superjorment fid-decizjoni impunjata u abbazi tal-provi probatorji li kellha quddiemha, l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragjoneveolment tasal ghal konkluzjoni li wasslet ghaliha.

Illi finalment l-appellanti tilmenta illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti ma kenitx wahda ekwa u gusta tenut kont tal-fatt illi f'kazijiet ohra ta' prostituzzjoni giet moghtija piena alternattiva gal dik ta' prigunerija. Issa, fejn si tratta ta' disparita` fil-piena mogħtija, il-Qrati Ingliżi kellhom okkażjoni jittrattaw sitwazzjonijiet simili u minn dik il-ġurisprudenza wieħed jista' jislet certi linji ta' gwida. F'*Blackstone's Criminal Practice*, 2001 (para. D22.47 a fol. 1650) jinghad:

*"A marked difference in the sentences given to joint offenders is sometimes used as a ground of appeal by the offender receiving the heavier sentence. The approach of the Court of Appeal to such appeals has not been entirely consistent. The dominant line of authority is represented by Stroud (1977) 65 Cr App R 150. In his judgment in that case, Scarman LJ stated that disparity can never in itself be a sufficient ground of appeal - the question for the Court of Appeal is simply whether the sentence received by the appellant was wrong in principle or manifestly excessive. If it was not, the appeal should be dismissed, even though a co-offender was, in the Court of Appeal's view, treated with undue leniency. To reduce the heavier sentence would simply result in two rather than one, over-lenient penalties. As his lordship put it, 'The appellant's proposition is that where you have one wrong sentence and one right sentence, this court should produce two wrong sentences. That is a submission which this court cannot accept'. Other similar decisions include Brown [1975] Crim LR 177, Hair [1978] Crim LR 698 and Weekes (1980) 74 Cr App R 161…. However, despite the above line of authority, cases continue to occur in which the Court of Appeal seems to regard disparity as at least a factor in whether or not to allow an appeal (see, for example, Wood (1983) 5 Cr App R (S) 381). The true position may be that, if the appealed sentence was clearly in the right band, disparity with a co-offender's sentence will be disregarded and any appeal dismissed, but where a sentence was, on any view, somewhat severe, the fact that a co-offender was more leniently dealt with may tip the scales and result in a reduction.*

*"'There is authority for saying that if a disparity of sentence is such that appellants have a grievance, that is a factor to be taken into account. Undoubtedly, it is a factor to be taken into account, but the important factor for the court to consider is whether the sentences which were in fact passed were the right sentences.'"*

Issa harsa lejn il-fedina penali ta'l-appellanti turi diversi kundanni li jirrisalu sa mis-sena 1991 ghal diversi reati ta' pussess u traffikar ta' droga, serq, falsifikazzjoni, subordinazzjoni u kundanni ohra fuq prostituzzjoni fejn jidher illi l-qrati taw lill-appellanti diversi opportunitajiet ghal riforma, kollha inutilment. Fil-fatt l-appellanti giet misjuba hatja ukoll talli kienet recidiva. Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti tqies illi l-qrati taghna issa ma ghandhomx triq ohra hlief li jimponu pieni karcerarji effettivi fil-konfront ta'l-appellanti u ghalhekk ma tistax iggib xi paragun ma kundanni simili fil-konfront ta' terzi ghall-istess akkuzi f'dawn ic-cirkostanzi.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma is-sentenza appellata.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur